

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2006/2018(BUD)

12.9.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2007
(C6-0000/2006 - 2006/2018(BUD))

Taqsimha III - Kummissjoni

Rapporteur għal opinjoni: Helga Trüpel

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Ifakkar l-importanza li jiġu promossi politiki attivi ta' l-UE fl-oqsma tal-kultura, l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh, id-djalogu u d-diversità interkulturali, iċ-ċittadinanza attiva u n-netwerks tas-soċjetà ċivili, bl-iskop li tinbena identità politika għall-Unjoni li tinftiehem aktar miċ-ċittadini tagħha u bbażata fuq rendiment politiku;
2. Jirrimarka li l-Unjoni Ewropea għandha tkun eqreb taċ-ċittadini tagħha; jenfasizza li huma biss ir-riżorsi finanzjarji xierqa li jagħmluha possibbli li jkun hemm komunikazzjoni u politika ta' informazzjoni effettivi, li jinvolvu liċ-ċittadini b'mod aktar attiv; jikkunsidra li tnaqqis fl-ammonti baġitarji allokat għall-politika ta' komunikazzjoni jibgħat sinjal negattiv ħafna liċ-ċittadini Ewropej;
3. Jikkonferma li l-istruttura u l-iffunzjonar riveduti tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi 2007-2013 tirrappreżenta opportunità importanti sabiex jitjiebu kemm l-immaniġġjar tagħhom kif ukoll kemm dawn ikunu ħfief biex jintużaw mill-benefiċjarji kollha; ifakkar li dan huwa relevanti l-aktar għall-istrumenti li jikkonċernaw il-proġetti ż-żgħar;
4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel kemm jista' jkun progress fil-preparazzjonijiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-programmi, billi tikkunsidra l-fatt li ladarba jiġi adottat ir-Regolament Finanzjarju rivedut, jagħti lok għal proċeduri ta' implimentazzjoni aktar faċli u aktar mgħaġġlin; ifakkar li, għalkemm il-prinċipji prinċipali tar-Regolament Finanzjarju u r-regolamenti li jstabilixxu l-programmi għandhom jikkoinċidu, ir-regolamenti tal-programm m'humiex suġġetti għar-Regolament Finanzjarju u jistgħu jinkludu regoli speċifiċi neċessarji għall-implimentazzjoni mingħajr xkiel tal-programmi speċifiċi;
5. Jenfasizza l-importanza li, għas-sena 2007, jiġu żgurati grad ta' stabbiltà għall-attivitajiet appoġġjati mill-Programm Media u, mezzi xierqa matul il-perjodu finanzjarju kollu sabiex jiġu appoġġjati l-iżvilupp u d-distribuzzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, biex b'hekk titħeġġeġ l-innovazzjoni ta' l-industrija awdjoviżiva Ewropea u t-tranżizzjoni għat-teknoloġija diġitali, u biex isservi ta' reazzjoni għall-isfidi li ġejjin mill-kompetizzjoni globali u minn soċjetà ta' l-informazzjoni li qed tinbidel malajr;
6. Jiddispjaċih li l-ambizzjonijiet finanzjarji għall-Programm ta' Tagħlim Matul il-Ħajja tnaqqsu; jinnota li l-Programm ta' Tagħlim Matul il-Ħajja xorta waħda se jkun strument qawwi sabiex jippromwovi l-koperazzjoni u l-mobilità għall-edukazzjoni u t-taħriġ; jisħaq li l-investiment Ewropew fl-edukazzjoni u t-taħriġ huwa kruċjali, mhux biss sabiex tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' Liżbona u sabiex tiżdid il-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea, iżda wkoll sabiex jiġi affermat mill-ġdid il-valur ċiviku u kulturali ta' l-edukazzjoni u t-tagħlim matul il-ħajja;
7. Jafferma t-twemmin fl-importanza tal-Programm Kulturali fl-appoġġ għal attivitajiet u organizzazzjonijiet kulturali f'settur li huwa fil-qalba ta' l-identità, tas-soċjetà u ta' l-

ekonomija Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa sabiex il-Programm Żgħażagħ Attivi isir magħruf ma' numru akbar ta' Ewropej, u jfakkar li l-ammont propost mill-PDB għal dan il-programm huwa assolutament minimu;

8. Jinnota li l-appoġġ għall-parteċipazzjoni ċivika, il-ġemellaġġ bejn l-ibliet, organizzazzjonijiet li jippromwovu l-idea ta' Ewropa u ċerimonji li jfakkru l-vittmi tar-reġimi totalitarji fis-seklu li għadda huma eżempji konkreti ta' azzjoni mill-UE għaċ-ċittadini; jinnota t-tnaqqis fil-fondi għall-azzjonijiet fl-2007, kif turi l-istqarrija ta' attivita', u li, fl-2008, l-infiq jerġa' jkun fil-livelli ta' l-2006; jafferma d-determinazzjoni tiegħu li jiżgura li fi ħdan l-Programm il-ġdid l-Ewropa għaċ-Ċittadini, ma jitnaqqisux dawg l-azzjonijiet li l-aktar jaffettwaw direttament liċ-ċittadini; jenfasizza li l-persentaġġi tar-riżorsi għall-azzjonijiet differenti tal-Programm huma s-suġġett ta' negozjati interistituzzjonali bħala parti mill-proċedura leġiżlattiva;
9. Jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn urġenti li jkollna Ewropa li hija aktar demokratika, aktar aċċessibbli u aktar trasparenti għaċ-ċittadini tagħha; jikkunsidra li l-kontribuzzjoni attiva taċ-ċittadini tagħha għall-avvenimenti ewlenin li jmiss fl-istorja ta' l-Unjoni mhix ser tkun possibbli mingħajr appoġġ finanzjarju xieraq għall-entitajiet lokali bħal m'huma l-uffiċċji ta' l-informazzjoni u d-Djar ta' l-Ewropa (Maisons de l'Europe);
10. Jenfasizza l-importanza li jiġu investiti r-riżorsi u t-tmexxija politika sabiex tiġi defnita aħjar il-politika Ewropea ta' komunikazzjoni, bħala xogħol interistituzzjonali u inklużiv li jinvolvi sferi differenti tat-tmexxija Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiċċara l-implikazzjonijiet tal-baġit u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu skond il-Pjan D dwar id-Dibattitu u d-Djalogo Demokratiċi;

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

1. Il-baġit tal-Komunità Ewropea għas-sena 2007 se jkun l-ewwel baġit annwali skond il-perspettiva finanzjarja (PF), li issa ngħatat l-isem ta' Qafas finanzjarju multiannwali (MFF), li se jkun il-qafas għall-proċessi baġitarji annwali sa l-2013.
2. L-MFF huwa maqsum f'intestaturi li huma differenti minn dawk tal-perspettiva finanzjarja preċedenti (2000-2006). Inħolqu wkoll programmi ġodda wiesgħa ("umbrella" programmes), li jgħaqqdu flimkien programmi eżistenti u azzjonijiet oħra. L-Abbozz Preliminari tal-Baġit (PDB) huwa għal UE ta' 27, inklużi r-Rumanija u l-Bulgarija bħala l-pajjiżi kandidati. Dawn il-bidliet differenti jagħmlu t-tqabbil dirett mal-PF (UE 25) preċedenti diffiċli.
3. It-tabelli 1a u 1b jagħtu ħarsa globali indikattiva lejn il-bidliet ta' % fl-intestaturi u l-marġini differenti disponibbli fl-intestaturi differenti għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti. Il-marġini huma determinati mid-differenza bejn il-limiti massimi maħluqa mill-MFF u l-impjenji fil-PDB.

Tabella 1a – Ħarsa ġenerali tal-PDB 2007 – impjenji (EUR miljun, prezzijiet kurrenti)

Intestatura	2007 (UE 27) impjenji	Bidla fil-% fuq l-2006 (UE 25)	limitu massimu ta' l-MFF	Marġini
1a Kompetittività għat-tkabbir u għall-impjieg	8 796,1	+11,5%	8 918	121,9
1b Koeżjoni għat-tkabbir u għall-impjieg	45 486,6	+14,8%	45 487	0,4
2 Preservazzjoni u mmaniġġjar tar-riżorsi naturali	57 217,6	+1,2%	58 351	1 133,4
3a Felsien, Sigurtà u Ġustizzja	571,3	+4%	637	65,7
3b Ċittadinanza	603,1	-1,4%	636	32,9
4 L-UE bħala msieħba globali	6 702,5	-20,2%	6 578	110*
5 Amministrazzjoni	7 002,3	+6%	7 039	112,7*
6 Kumpens	444,6	-58,6%	445	0,4
Total	126 824,1	+4,6%	128 091	1 577,4*

Sors: Ibbażat fuq id-dejta mid-dokumenti PDB 2007 tal-Kummissjoni Ewropea – Dokument ta' Ħidma 8 dwar il-PDB 2007, Kumitat għall-Baġit PE

Tabella 1b – Ħarsa ġenerali tal-PDB 2007 – pagamenti (EUR miljun)

Intestatura	Pagamenti 2007 (EU 27)	Bidla fil-% fuq l-2006 (UE 25)
1a Kompetittività għat- tkabbir u għall-impjiegi	6 943,5	-6,5%
1b Koeżjoni għat- tkabbir u għall-impjiegi	37 790,3	+19,1%
2 Preservazzjoni u mmaniġġjar tar- riżorsi naturali	55 683,4	+0,4%
3a Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja	427,0	-19,9%
3b Ċittadinanza	679,6	+8,9%
4 L-UE bħala msieħba globali	7 447,5	-13,8%
5 Amministrazzjoni	7 002,1	+6,0%
6 Kumpens	444,6	-58,6%
Total	116 418,1	3,9%

Sors: Dokument ta' Ħidma 8 dwar il-PDB 2007, Kumitat għall-Baġit PE, ibbażat fuq id-dejta mid-dokumenti PDB 2007 tal-Kummissjoni Ewropea

Skond il-Kummissjoni, dawn l-impenji jirrappreżentaw 4.6% aktar mill-2006 u 1.08% tal-GNI ta' l-UE. L-appropriazzjonijiet ta' pagamenti jirrappreżentaw żieda ta' 3.9% meta mqabbla ma' l-2006 u 0.99% tal-GNI ta' l-UE.

4. Il-kumitat għall-kultura u l-edukazzjoni huwa responsabbli għal-linji tal-baġit li huma mifruxa fuq oqsma ta' politika differenti tal-PDB: 09 Is-soċjetà ta' l-informazzjoni u l-midja; 15 Edukazzjoni u kultura; 16 Komunikazzjoni; 26 Amministrazzjoni. L-MFF jinkludi dawn l-oqsma bi tliet intestaturi differenti: L-intestaturi 1a ("Kompetittività għat-**tkabbir** u għall-impjiegi") u 3b ("Ċittadinanza") ikopru l-infiq operattiv, l-intestatura 5 tkopri l-infiq amministrattiv.
5. Qasam ta' politika 9 – Is-soċjetà ta' l-informazzjoni u l-Midja:

Il-PDB 2007 jipproponi żieda ġenerali għal dan il-qasam ta' 1.9% biss meta mqabbla ma' l-2006 (impenji). F'dan il-qasam il-Kumitat għall-kultura u l-edukazzjoni huwa responsabbli għal-linji differenti ta' baġit skond 09 01 (l-istaff u maniġment) u 09 06 (i2010 – Politika awdjoviżiva u l-programm MEDIA). Il-PDB jipproponi impenji ta' 74.862 m għall-infiq operattiv tal-programm MEDIA (84.810 fl-2006).

6. Qasam ta' politika 15 – L-Edukazzjoni u l-Kultura:

Il-PDB 2007 jipproponi żieda ġenerali għal dan il-qasam ta' 22.19% meta mqabbla ma' l-2006 (impenji).

Il-programm ġdid Tagħlim matul il-Ħajja jgħaqqad l-attivitajiet relatati ma' l-edukazzjoni u mat-taħriġ vokazzjonali ma' erba' gruppi fil-mira differenti (l-edukazzjoni sekondarja; l-edukazzjoni terzjarja; it-taħriġ vokazzjonali; l-edukazzjoni ta' l-adulti) u attivitajiet orizzontali bħalma huma t-tagħlim tal-lingwi u l-ICT, l-Azzjoni Jean Monnet dwar l-integrazzjoni Ewropea. Il-PDB jipproponi impenji ta' 820.9 miljun għall-2007 (629.976 fl-2006) għall-infiq operattiv għat-Tagħlim Matul il-Ħajja (Linja 15 02 22), u 55.6 (minn 38.111 fl-2006) għall-programm Erasmus Mundus (Linja 15 02 02 05).

Il-PDB jipproponi baġit ta' 47.8 m bħala impenji għall-programm għall-Kultura 2007 (15 04 44). It-tlestija tal-programmi preċedenti fil-qasam tal-kultura u l-lingwa fl-2006 kellu ammont ta' 38.086 miljun fuq il-linja. Barra minn hekk 3m għandhom ikunu riservati fl-2007 għall-preparazzjoni tas-Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali fl-2008 (15 04 47).

Għall-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni (15 05 55) il-PDB rriserva l-impenji ta' 114.768 għall-infiq operattiv. Il-linja dwar it-tlestija tal-programmi preċedenti fil-qasam taż-żgħażaġh fl-2006 kellha ammont ta' 111.965 m.

Il-programm il-ġdid Ċittadini għall-Ewropa (15 06 66) se jkun jinkludi l-appoġġ għas-soċjetà ċivili u għall-ġemellaġġ bejn il-bliet. Il-PDB 2007 jipproponi 19.339m għall-impenji għall-infiq operattiv. It-tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-parteciġazzjoni ċivika fl-2006 kienet impenjat 23.864m.

7. Qasam ta' politika 16 – Politika ta' komunikazzjoni u informazzjoni

L-appropriazzjonijiet ta' impenn fil-PDB 2007 għal din iż-żieda fil-politika ta' 3.61% meta mqabbel ma' l-2006. F'dan il-qasam, il-Kumitat għall-kultura u l-edukazzjoni għandu interess prinċipali fis-segwitu u fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni sabiex itejjeb "Nikkomunikaw l-Ewropa", il-Pjan D għad-Djalogu u għad-Dibattitu Demokratiċi u l-White Paper dwar Politika ta' Komunikazzjoni Ewropea.

8. Qasam ta' Politika 26 - Amministrazzjoni

Il-PDB 2007 jipproponi żieda ġenerali għall-impenji f'dan il-qasam ta' 4.11% meta mqabbla ma' l-2006. F'dan il-qasam, teżisti linja baġitarja separata għal kull skola Ewropea (minn 26 01 50 11 sa 26 01 50 25).

9. L-Abbozz tal-Baġit

Ir-rapporteur ħa nota tat-tibdiliet adottati mill-Kunsill fl-Abbozz tal-Baġit (DB). Il-Kunsill jipproponi tnaqqis ġenerali ta' 0.8% f'impenji u ta' 1.5% f'pagamenti meta mqabbla mal-PDB. It-tnaqqis ikun aktar rilevanti għal xi wħud mill-oqsma ta' politika, inklużi dawk ta' interess għall-Kumitat għall-kultura u l-edukazzjoni.

Fi h'dan l-ewwel intestatura ("il-kompetittività għat-*tkabbir* u għall-*impjeg*"), il-linji ta' baġit relatati ma' l-*edukazzjoni* u l-*kultura* jitnaqqsu bi 2%. Dan jaffettwa wkoll (f'*impenji*) b' mod partikolari t-*Tagħlim* ta' *Matul il-*Ħajja** (-17.101 m), u *Erasmus Mundus* (-1.158m). Barra minn hekk, il-linji tal-baġit fuq eKontenut + - *promozzjoni tal-kontenut diġitali Ewropew* jitnaqqsu b' mod sostanzjali (-1.370m).

Fl-intestatura "*Ċittadinanza, ħelsien, sigurtà u ġustizzja*", iż-*żewġ azzjonijiet tad-DĠ EAC* (-0.7% fl-*impenji*) u minn *DĠ COM* (-5.5%!) jiġu affettwati. L-*impenji għall-programm Kultura 2007* jitnaqqsu b' -1.4m (-0.531 *pagamenti*). Il-linji ta' baġit dwar "*Azzjonijiet lokali*" u dwar "*azzjonijiet speċifiċi dwar temi ta' prijorità, fosthom Prince*" jonqsu drastikament b' -2m -il waħda (kemm għall-*impenji* u kif ukoll għall-*pagamenti*).

Id-DB jnaqqas l-intestatura relatata ma' l-*amministrazzjoni* b' 1.8% bħala total meta mqabbla mal-PDB. Dan jaffettwa ħafna s-*servizzi għas-soċjetà ta' l-informazzjoni* (-3.5%), l-*edukazzjoni u l-kultura* (-2.9%), l-*istampa u l-komunikazzjoni* (-2.1%), is-*servizzi tal-lingwa* (-3.1%).

Ir-rapporteur tenfasizza li l-*bidliet proposti mill-Kunsill fl-intestaturi differenti għall-kwistjonijiet ta' kompetenza tal-Kumitat għall-kultura u l-*edukazzjoni** m'humex aċċettabbli.

Dan il-kumitat, b' mod partikolari enfasizza kemm-il darba li l-*ammont propost fil-PDB għall-programmi kodeċiżi fis-settur tal-kultura u ta' l-*edukazzjoni** huwa l-*minimu neċessarju* sabiex jitmexxew b' mod xieraq, bħalma huwa mistenni minn firxa wiesgħa ta' *benefiċjarji bħalma huma l-*iskejjel, l-universitajiet, l-istudenti, l-organizzazzjonijiet kulturali, l-assoċjazzjonijiet**. Huwa importanti li dawn il-programmi jitħarsu bħala l-*eżempju ewlieni ta' l-integrazzjoni Ewropea*.

Għalkemm il-Kummissjoni Ewropea wriet xi *diffikultajiet* biex tiddetermina l-*fażijiet* li jmiss tal-*politika ta' komunikazzjoni tagħha*, it-*tnaqqis propost f'dan il-qasam mhux koerenti mal-bżonn* li għandha l-*politika ġenerali* sabiex ikun hemm il-*possibilità ta' djalogu kostanti bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u ċ-*ċittadini**.

10. Ir-rimarki tar-rapporteur għal opinjoni

Rimarki ġenerali:

Il-*proċedura tal-baġit 2007* issegwi l-*fteħima dwar l-MFF*, li stabbiliet limiti massimi għall-*infiq ħafna anqas mill-ambizzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u tal-proposti mill-Parlament Ewropew*. Il-*gvernijiet nazzjonali huma responsabbli għad-dewmien tal-fteħima dwar l-MFF u għaldaqstant li jippreġudikaw il-bidu f'waqtu ta' l-*infiq ta' l-UE mill-2007** 'l quddiem.

In-*negozjati intergovernattivi* dwar il-*kontribuzzjonijiet għall-baġit ta' l-UE* wrew għal darb'oħra il-*limiti tagħhom*. Minflok ġiet ikkomunikata l-*idea tal-valur miżjud Ewropew, in-*negozjati** dwar il-*baġit ta' l-UE* ttrażmettew *impressjoni ħażina liċ-*ċittadini ta' l-UE** dwar l-*innegozjar* dwar "*min jieħu l-aktar minn Brussell u jagħti l-anqas lill-UE*". It-*tmexxija politika u l-approċċ viżjonarju* lejn l-*integrazzjoni Ewropea* jidhru li ntilfu.

Il-*Parlament Ewropew*, wara r-*riżoluzzjonijiet tiegħu* dwar l-*isfidi politiċi u l-mezzi baġitarji ta' l-Unjoni* wara t-*tkabbir* u dwar it-*tiġdid tal-fteħima interistituzzjonali* dwar id-*dixxiplina*

baġitarja (rapporti mis-Sur Böge), ta prijorità lill-kwistjonijiet ttrattati mill-Kumitat għall-kultura u l-edukazzjoni fin-negozjati li seħħew dakinhar tal-programm ta' qafas finanzjarju multiannwali. Dan ippermetta li l-ħarsien tal-programmi li huma rikonoxxuti bħala "eżempji ewlenin ('flagships')" u "multiplikaturi" tal-valur miżjud Ewropew. Meta wieħed iqis l-impatt dirett tagħhom fuq xi interessi primarji taċ-ċittadini (bħalma huma l-edukazzjoni, il-kultura, iċ-ċinema, is-soċjetà ċivika u l-proġetti għaż-żgħażaġh eċċ) ir-riżultati tagħhom huma "valur tajjeb meta mqabbla man-nefqa". Huma juru wkoll rata ta' implimentazzjoni tajba.

Fl-istess ħin, qed issir pressjoni kontinwa fuq il-prerogattivi ta' kodeċizzjoni tal-Parlament Ewropew. Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-PE kkontribwixxa għat-titjib u t-tħaddim tal-programmi ta' l-UE fil-qasam ta' responsabilità tiegħu permezz tal-proċeduri ta' kodeċizzjoni. L-aħħar adozzjoni mill-Kunsill ta' ftehma dwar il-perspettiva finanzjarja tteggieg lill-PE sabiex jitħaffu l-proċeduri tat-tieni qari għall-ħames programmi Ewropej prinċipali (it-Tagħlim Matul il-Ħajja, Media, iż-Żgħożija, l-Ewropa għaċ-Ċittadini) filwaqt li jadattawhom għall-figuri stabbiliti fil-Ftehma Interistituzzjonali dwar l-MFF.

Il-PE kontinwament enfażizza l-importanza ta' dawn il-programmi u ta' l-azzjoni ta' l-UE fl-oqsma politiċi bħalma huma d-djalogu kulturali, il-ġemellaġġ bejn il-bliet, il-koperazzjoni bejn l-universitajiet u l-iskejjel, it-taħriġ professjonali, l-iskambju għaż-żgħażaġh, il-kreattività awdjoviżiva, id-diversità kulturali u l-pluraliżmu.

Politiki attivi b'mezzi finanzjarji adegwati f'dawn l-oqsma huma fundamentali. Huma essenzjali sabiex tiġi definita l-identità Ewropea kif karatterizzata mill-paċi, mill-istabilità u l-benesseri kif ukoll minn rendiment politiku effettiv fi żmien ta' trasformazzjoni soċjali u ekonomika. Dan jgħodd aktar biż-żieda ta' l-UE għal 27 pajjiż.

Rimarki għall-oqsma speċifiċi:

Qasam ta' politika 9: is-sena l-oħra l-kumitat għall-kultura kien diġà laqa' t-tranżizzjoni tal-linji ta' baġit tal-midja u tal-politika awdjoviżiva, li għalihom il-kumitat huwa responsabbli, għall-qasam ta' politika 9, li huwa mmexxi mid-DG INFSO fi ħdan il-Kummissjoni. Ir-rapporteur tinnota l-isfidi kumplessi quddiemna għall-bini ta' soċjetà inklużiva ta' informazzjoni, li kapaċi tgħaqqad l-innovazzjoni u d-diversità kulturali. Il-politika awdjoviżiva teħtieġ diversi elementi: revizzjoni tal-programm ta' qafas; aċċess, parteċipazzjoni u għarfien mit-tele spettaturi u s-soċjetà ċivili dwar il-proċessi ta' trasformazzjoni; strumenti attivi sabiex jiġu appoġġjati l-bidliet innovattivi fis-settur awdjoviżiv.

Ir-rapporteur tinnota tnaqqis għall-programm MEDIA, li jonqos minn 86.41m (impenji fl-2006) għal 76.01 (PDB 2007). Dan it-tnaqqis relattiv jista' jiġi spjegat mill-"back-loading" tal-programm fl-aħħar tal-perjodu finanzjarju preċedenti. Dan ifisser li l-infiq għall-MEDIA jikber malajr fis-snin li ġejjin u li t-tnaqqis fl-2007 ma jipperikolax it-tħaddim tal-programm.

Qasam ta' politika 15: Ir-rapporteur jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-MFF jippermetti stabilità tal-programmi f'dan il-qasam, b'żidiet bil-mod matul il-perjodu finanzjarju. Għandu jintlaqa' b'mod partikolari t-tiħiħ ta' l-azzjonijiet miġbura fil-programm TAGĦLIM MATUL IL-ĦAJJA (LLL). Fl-istess ħin, dan il-programm huwa l-aktar wieħed li għandu tnaqqis meta mqabbel mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni u mar-rapport dwar l-ewwel qari mill-PE. Dan il-fatt jinvolti t-tnaqqis ta' l-ambizzjonijiet u ta' l-oġġettivi tal-programm. B'mod ġenerali, dan it-tnaqqis huwa kkonċentrat fuq il-linji tal-baġit li jaffettwaw anqas direttament

liċ-ċittadini.

Fil-prinċipju dan japplika wkoll għat-tnaqqis tal-programm ĊITTADINI GĦALL-EWROPA, li se jkun jinkludi wkoll azzjonijiet u linji differenti tal-perjodu finanzjarju preċedenti. Għandu jkun enfasizzat li dan il-programm, issa ser jassorbi l-appoġġ għall-preservazzjoni tat-tifkira tal-kampijiet ta' konċentrament Nażisti u Stalinisti, li qabel kienet ifffinanzjata permezz tal-programm Kultura. F'dan il-każ it-tnaqqis mhux biss huwa mqabbel ma' l-ambizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni u mill-Parlament, iżda wkoll imqabbel mal-Baġit 2006. Dan jammonta (f'impjenji) għal 23.9m fl-2006 u issa tnaqqas għal 19.3 fil-PDB 2007. B'mod partikolari dan jaffettwa mhux biss konferenzi u seminars iżda, anke jekk fuq skala iżgħar, ukoll appoġġ ta' skemi ta' ġemellaġġ lil organizzazzjonijiet u proġetti tas-soċjetà ċivili. Għall-MEDIA msemmija aktar 'il fuq, il-baġit madanakollu se jikber matul is-snin li ġejjin.

Ir-rapporteur tilqa' t-tisħiħ tal-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi (l-Istati Uniti u l-Kanada) dwar l-edukazzjoni u u t-taħriġ vokazzjonali (15 02 03), fejn l-impjenji jiżdiedu għal 5.338m fil-PDB 2007.

Uħud mill-approprijazzjonijiet għall-infiq amministrattiv assoċjati mal-programmi f'dan il-qasam ta' politika se jintużaw għall-Aġenzija Eżekuttiva, li l-istaff tagħha jiżdied għal 227 persuna għall-programmi edukattivi u kulturali (flimkien ma' 83 Midja) B'kolloxx, il-kapitolu tal-baġit 15 01 (Infiq amministrattiv tal-qasam ta' politika edukattiva u kulturali) se jkun 101.802m (imqabbel ma' 90.915 fl-2006). Wieheġ għandu jinnota li dan l-infiq jinkludi wkoll l-uffiċjali tal-Kummissjoni li jaħdmu fl-Aġenzija. Safrattant, l-ispejjeż amministrattivi għandhom jiġu mmoniterjati skond ir-rilevanza għall-ammont globali tal-programmi.

Ta' min jinnota wkoll li l-proġetti pilota dwar il-mobilità individwali ta' l-istudenti li jattendu l-iskola sekondarja ogħlja (15 02 02 06) u dwar il-programm ta' apprendistat bl-istil Erasmus (15 02 03) huma integrati fil-LLL, anke jekk saħansitra mingħajr approprijazzjonijiet ta' baġit, sakemm issir evalwazzjoni.

Qasam ta' politika 16: Ir-rapporteur tenfasizza l-fatt li, li l-infiq f'dan il-qasam ta' politika, anke jekk mhux speċifikament skond il-proċeduri ta' kodeċiżjoni li għadhom sejrini, jeħtieġu monitorjar aktar mill-qrib. B'mod partikolari, is-sena l-oħra, il-kunsiderazzjonijiet tal-kumitat għall-kultura u l-edukazzjoni dwar dan il-punt jidher li għadhom validi: "il-Kummissjoni għandha toffri almenu ftit indikazzjoni dwar kif l-azzjonijiet appoġġjati minn dawn il-linji joqogħdu flimkien fl-istrateġija l-għdida ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni". Ir-rapporteur temmen li dak li jissejjaħ il-Pjan D għadu nieqes minn indikazzjoni ċara ta' azzjonijiet u prijoritajiet.

Ta' min jinnota ż-żieda ta' 12.77% għall-infiq amministrattiv (16 01). Din tkun tikkonsisti f'109.547m għall-infiq amministrattiv minn total ta' 186.373m għall-qasam ta' politika 16. Dan il-fatt għandu jiġi spjegat bl-ispeċifità ta' dan is-settur, li jħaddem numru kbir ta' tekniċi, staff speċjalizzat u staff lokali għall-uffiċji ta' rappreżentazzjoni, staff barrani fil-kwartieri ġenerali, infiq għall-immaniġġjar u staff intern.

Fl-istess waqt, huwa straordinarju l-fatt li l-ambizzjoni tal-Kummissjoni fil-linja ta' komunikazzjoni "Fuq livell lokali" (16 03) hija ftit wisq. Din tinkludi PRINCE, li għalih fl-2007 ġew allokati impjenji ta' 16.261m (15.549 fl-2006) u miżuri ta' komunikazzjoni diretta

mmirati lejn multiplikaturi ta' opinjoni u l-ftuħ ta' ċentri ta' informazzjoni għall-pubbliku.

Finalment għandu jiġi nnutat dan it-tnaqqis (impenji):

- Linja 16 02 02 – azzjonijiet ta' multimidja: minn 15,250m (Baġit 2006) għal 13,750m (PDB 2007)

- Linja 16 05 01 – relays ta' informazzjoni: minn 16,752m (Baġit 2006) għal 14,554m (PDB 2007)

Għaż-żewġ linji, fl-2006 tqiegħdu fir-riserva approprjazzjonijiet ta' impenn ta' 1m.

PROĊEDURA

Titolu	Abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsima III - il-Kummissjoni		
Numru tal-proċedura	2006/2018(BUD)		
Kumitat responsabbli	BUDG		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT		
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja			
Rapporteur ta' opinjoni Data tal-ħatra	Helga Trüpel 20.9.2004		
Rapporteur ta' opinjoni preċedenti			
Eżami fil-kumitat	20.6.2006	12.7.2006	28.8.2006
Data ta' l-adozzjoni	12.9.2006		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	26 2 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia I Cutchet, Christopher Beazley, Ivo Belet, Guy Bono, Marielle De Sarnez, Marie-Hélène Descamps, Jolanta Dičkutė, Věra Flasarová, Milan Gaľa, Claire Gibault, Vasco Graça Moura, Lissy Gröner, Luis Herrero-Tejedor, Ruth Hieronymi, Manolis Mavrommatis, Marianne Mikko, Ljudmila Novak, Doris Pack, Zdzisław Zbigniew Podkański, Christa Prets, Karin Resetarits, Pál Schmitt, Nikolaos Sifunakis, Hannu Takkula, Helga Trüpel, Henri Weber, Thomas Wise, Tomáš Zatloukal		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Rolf Berend, Panayiotis Demetriou, Nina Škottová		
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali			
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	Tliet sostituti tal-PPE-DE kienu preżenti iżda ma tqisux għall-votazzjoni finali.		